Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 158/2013/1AE

**Kenneth Vassallo**

**vs**

**Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta**

L-Erbgha, 27 ta' April, 2016.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur fejn l-attur talab lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex ihassar decizjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li biha mponiet fuqu penali amministrattiva ta' €100 u 10 punti ta' penali minhabba allegat ksur tar-Regolament 65 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) u dan minhabba li fit-3 ta' Awissu 2013 gewwa d-Dwejra, San Lawrenz, Ghawdex ghall-habta tal-10.55 fil-vettura ZPY-011 halla passiggieri bil-wieqfa.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta fejn opponiet ghat-talba ta' l-attur u eccepiet in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae;*

Rat is-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-20 ta' Jannar 2014, fejn l-istess Tribunal iddecieda billi cahad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta bl-ispejjez kontra taghha u ordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem it-Tribunal;

L-Awtorita' intimata appellat mis-sentenza u lmentat li gialadarba l-allegat ksur tar-regolamenti sehh gewwa Ghawdex, il-kaz kellu jinstema' mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva gewwa Ghawdex.

Rat ir-risposta tal-attur appellat Kenneth Vassallo (datata 12 ta' Frar, 2014) fejn wiegeb illi l-Appell *de quo* huwa impostat fuq il-premessa zbaljata illi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta japplika kollu kemm hu ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. L-Awtorita' appellanti ticcita l-Artikolu 5 tal-Kap. 12 in sostenn tal-aggravju taghha;

L-appellat jissottometti illi fil-kaz odjern l-eccezzjoni interposta ma tista' qatt tirnexxi

ghax it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva huwa wiehed. Kull ma tghid il-ligi huwa li t-Tribunal jista' jzomm seduti kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex. Madanakollu, it-Tribunal huwa u jibqa' dejjem l-istess wiehed, u m'hemmx Tribunali ta' Revizjoni Amministrattiva distinti ghal Malta u ghal Ghawdex. L-Artikolu 11(1) tal-Kap. 409 jghid illi *"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jzomm is-seduti tieghu f'Malta u f'Ghawdex f'dawk l-intervalli regolari li jidhirlu mehtiega biex ihaffef ix-xoghol tieghu. Il-jum u l-hin ta' kull seduta ghandhom jigu ffissatti mill-President."* Illi la darba t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jibqa' l-istess wiehed kemm ghall-kawzi li jinstemghu f'Malta kif ukoll ghall-kawzi li jinstemghu gewwa Ghawdex, ma tista' qatt tqum kwistjoni ta' kompetenza. Illi ghalhekk, anke kieku *ex gratia argomenti*, ir-Rikors promotur tal-proceduri quddiem it-Tribunal kellu jigi intavolat fir-Registru ta' Ghawdex, il-fatt li gie prezentat fir-Registru ta' Malta ma jgib l-ebda inkompetenza jew nullita';

**Konsiderazzjonijiet.**

1. B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, mill-atti jirrizulta li ma ntalabx il-permess biex l-appellant tappella mis-sentenza parzjali (Artikolu 231 tal-Kap. 12). Din il-qorti diga' kellha opportunita li tiddikjara li dan il-provvediment japplika ghall-appelli minn sentenzi parzjali tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u m'ghandhiex x'izzid (ara per ezempju **Kunz et vs Awtorita' ghat-Trasport f'Malta** tal-20 ta' Jannar 2016).

2. L-aggravju tal-appellanti hu li:-

*"gialadarba l-allegat ksur tar-regolamenti sehh fil-Gzira Ghawdxija, u fil-Gzira Ghawdxija jirrisjedi Tribunal ta' Amministrazzjoni Amministrattiva, allura jsegwi li dan il-kaz kellu jinstema' fil-Gzira Ghawdxija stante illi hija kompetenza ta' dak it-Tribunal."*

F'dan ir-rigward hi rilevanti l-ewwel eccezzjoni li nghatat mill-appellanti quddiem it-Tribunal, deciza bis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2014, li taqra:

*"Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' dan it-Tribunal stante illi huwa kompetenti t-Tribunal ghal Revizjoni fil-Gzira ta' Ghawdex."*

Hu ghalhekk evidenti li l-Awtorita hadet il-posizzjoni li jezistu zewg Tribunali ta' Revizjoni Amministrattivi, wiehed ghal Malta u iehor ghal Ghawdex. F'dan ix-xenarju biss tista' tregi eccezzjoni bhal din.

3. Mill-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490), hu evidenti li jezisti Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva wiehed. Skond l-Artikolu 11:- *"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jzomm is-seduti tieghu f'Malta u f'Ghawdex f'dawk l-intervalli regolari li jidhirlu mehtiega biex ihaffef ix-xoghol tieghu. Il-jum u l-hin ta' kull seduta ghandhom jigu ffissati mill-President."*

Gialadarba jezisti Tribunal wiehed biss ,li jzomm is-seduti tieghu f'Malta jew Ghawdex, qatt ma tista' tqum kwistjoni dwar kompetenza *ratione materiae*. L-uniku kwistjoni li setghet semmai tqum hi f'liema gzira t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti. Materja li m'ghandha x'taqsam **xejn** ma' kompetenza.

4. L-Awtorita' ghamlet riferenza ghall-Artikolu 5(2) tal-Kap. 12 li jipprovdi li: *"Il-gurisdizzjoni tal-qrati inferjuri hija limitata ghal postijiet partikolari."* Provvediment li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in ezami, gialadarba skond l-Artikolu 4 tal-Kap. 12 il-qrati nferjuri huma tnejn:-

i. Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal Malta; u
ii. Qorti tal-Magistrati (Ghawdex u Kemmuna) ghal gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna.

Min-naha l-ohra l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490) ma holoqx Tribunal ghal Malta u iehor ghal Ghawdex, izda Tribunal wiehed li jzomm is-seduti f'Malta jew f'Ghawdex (Artikolu 11).

Fir-rikors tal-appell, l-appellanti argumentat li kellha ssir decizjoni dwar jekk it-Tribunal huwiex ta' natura superjuri jew inferjuri, ghaliex jekk hu *"ta' indoli nferjuri"*:

*"... jekk il-ksur isehh fil-gzira ta' Maltija allura ghandu gurisdizzjoni t-Tribunal li ghandu s-sede Malta u jekk allegat ksur isehh fil-gzira ta' Ghawdex u Kemmuna, is-sede hija dik fil-Gzira Ghawdxija."*

Il-qorti tosserva:-

i. Hu biss fil-kaz tal-qrati li l-ligi taghmel distinzjoni bejn qrati superjuri u inferjuri. Gialdarba jezisti Tribunal wiehed biss, ma tezisti l-ebda kwistjoni dwar jekk it-Tribunal huwiex *"…. Ta' natura superjuri jew ta' natura inferjuri"*.
ii. L-appellanti m'ghamlitx riferenza ghal xi provvediment li jistipula li s-smiegh tal-kawza ghandu jsir fil-lok fejn sehh il-kaz.

5. Skond regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 490.01 (Regolamenti dwar it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u Appelli Minnu), it-Tribunal:

i. Izomm is-seduti f'Malta jew Ghawdex;
ii. F'Malta s-seduti ghandhom jinzammu fil-bini fejn il-Qrati tal-Gustizzja normalment izommu s-seduti filwaqt li f'Ghawdex ghandu jzomm is-seduti fil-bini fejn il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) normalment izzomm is-seduti.

6. Fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490) m'hemmx disposizzjoni li tistipula f'liema cirkostanzi t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti f'Ghawdex. F'dan ir-rigward hi rilevanti d-distinzjoni li ghamel it-Tribunal bejnu u t-Tribunal ghal Talbiet Zghar:

7. It-Tribunal fis-sentenza preliminari appellata ghamel distinzjoni bejn il-ligi li tirregola t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv u t-Tribunal ghal Talbiet Zghar (pagna 4 tas-sentenza appellata):

*"Illi t-Tribunal josserva wkoll illi, a differenza tal-provvedimenti li wiehed isib fir-rigward tal-qrati ordinarji, fejn il-ligi stess taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex, fl-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva wiehed ma jsib l-ebda provvediment li jaghti beneficcju simili lill-intimat, jew li jaghmel id-disposizzjonijie tal-Kap 12 applikabbli ghall-proceduri li jigu intavolati quddiem dan it-Tribunal. L-uniku haga li jistipula l-Kap 490 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti tieghu f'Malta u Ghawdex. Dan a differenza wkoll tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fejn fil-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta wiehed isib li l-istess Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex "u sa fejn ikun prattikabbli izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha" (Art. 3 (4) tal-Att numru V tal-1995). Ghalhekk wiehed josserva illi fir-rigward tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar il-legislatur kien aktar specifiku filwaqt li meta gie promulgat l-Att li holoq it-Tribunal odjern il-legislatur ma semma' xejn minn dan kollu."*

Fil-kaz tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, jidher li hi fid-diskrezzjoni tat-Tribunal li jiddeciedi f'liema gzira jzomma is-seduti. F'dan ir-rigward hu rilevanti l-Artikolu 15(8) tal-Kap. 490 li jipprovdi:

*"It-Tribunal ghandu, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull ligi ohra li tkun tapplika u li tirregola l-procedura tat-Tribunal, jirregola l-proceduri tieghu nnifsu."*

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Peress li l-appell hu fieragh tikkundanna lill-Awtorita appellanti thallas l-ispejjez ghal darbtejn (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12)**.

**Tordna li minnufih l-atti jintbaghatu lura quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.